QALA

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Qala

## IS-SEBA` LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 24

Il-Hamis 10 ta' Awwissu 2017

Il-Kunsill Lokali Qala ltaqa` fl-Ufficcju Amministrattiv tieghu li jinsab fl-indirizz Centru Civiku Qala, Triq l-Isqof Mikiel Buttigieg, Qala, fis-6:30 ta' filghaxija.

PREŻENTI:

Paul Buttigieg – Sindku
Jesmond Borg – Vici Sindku
Paul Buttigieg – Kunsillier
Karl Buttigieg – Kunsillier
Sammy Curmi – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Hadd

ASSENTI

Hadd

UFFIĊJAL PREŻENTI:

Marcia Borg – Segretarja Eżekuttiv

Minuti

Is-Sindku Paul Buttigieg ippresjeda l-laqgħa.

## 24.1 Qari tal-ittri tal-apologiji.

24.1.1 Ma kien hemm ebda qari tal-ittri tal-apologiji.

## 24.2 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.

24.2.1 Peress li l-minuti tal-wiehed u ghoxrin, tat-tnejn u ghoxrin u tat-tlieta u ghoxrin laqgha tqassmu qabel dawn gew ikkonsiderati bhala moqrija. Il-Vici Sindku Jesmond Borg semma li fit-tlieta u ghoxrin laqgha huwa kien semma li ghandu jsir tindif u *patching* tad-dawra tal-purcizzjoni tal-festa ta' San Guzepp li hija Triq il-Wardija. Wara dan il-minuti gew approvati unanimament.

## 24.3 Kommunikazzjoni mis-Sindku.

24.3.1 Is-Sindku semma li l-Kunsill kien qed ikollu diversi ilmenti dwar l-iskart fil-lokalita` u ghalhekk kellha tizdied gurnata ohra ghal gbir tal-iskart imhallat bieb bieb, li hija nhar ta' Sibt. Il-Kunsill iddecida li ghandha titqassam *leaflet* bil-granet u l-hinijiet kollha tal-gbir tal-iskart fil-lokalita`.

24.3.2 Is-Sindku semma li huwa ha l-*laptop* tal-Kunsill, li ssoltu jintuza mis-Sindku, ghand John Paul Cefai u dan qallu li *motherboard* tieghu mhux qed jahdem sewwa. Is-Sindku talab jekk ghandux jissewwa jew jinxtara *laptop* iehor. Il-Kunsill iddecida li ghandu jinxtara *laptop* gdid.

24.3.3 Il-Kunsill iddiskuta l-possibilta` li l-*litter bins* li hemm fi Pjazza San Guzepp jinbidlu peress li mhumiex kbar bizzejjed u li ftit minnhom spiccaw bla tank fuq gewwa. Gie diskuss ukoll li mhumiex qeghdin jintuzaw tajjeb.

24.3.4 Giet moqrija l-ittra li l-Kunsill rcieva minghand Nobert Ciappara OHS Officer mill-Awtorita` ghas-sahha u s-sigurta` fuq il-post tax-xoghol, dwar l-investigazzjonijiet fuq l-incident fejn korra Joseph Buttigieg, haddiem assenjat mal-Kunsill mill-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation*, wara li gie f'kuntatt ma *grass cutter* li kien qed jintuza minn Paul Buttigieg. F'din l-ittra, l-Kunsill gie mitlub sabiex jirrispondi diversi domandi fuq din il-materja. Is-Sindku Paul Buttigieg semma li huwa ser jirrispondi din l-ittra bl-avukat personali tieghu u mhux ser juza s-servizz tal-avukat provdut mill-Kunsill. Is-Segretarja Ezekuttiva ssuggerit li s-Sindku ghandu jaghti kopja tar-risposta tieghu lill-Kunsill, peress li fl-ahhar mill-ahhar il-Kunsill ircieva l-ittra. Il-Vici Sindku Jesmond Borg staqsa jekk ix-xoghol li kien qed isir dak in-nhar tal-incident kienx tal-Kunsill jew le. Is-Sindku semma li kien xoghol mill-Kunsill, filwaqt li s-Segretarja rrispondiet li ma kienx xoghol tal-Kunsill. Wara dan s-Sindku reggha qal li huwa ser jirrispondi din l-ittra bl-avukat personali tieghu filwaqt li l-kumplament tal-Kunsill iddecieda li l-ahjar haga li jsir f'isem il-Kunsill huwa li tigi kkuntatjatha l-Avukat tal-Kunsill sabiex jigi mitlub parir u jekk hemm bzonn tintbghat risposta mill-kumplament tal-Kunsill.

24.3.5 Ittra mibghuta minn Isabella Testaferrata De Noto Segretarju Ezekuttiv tal-Assocjazzjoni ghall-Gvern Lokali dwar kopja ta' ittra fuq permess biex jitqieghed *mobile kiosk* f'sit Hondoq ir-Rummien.

24.3.6 Ittra mibghuta minn Marthese Debono Segretarja Kummissjoni tal-Ippjanar fl-Awtorita` tal-Ippjanar dwar permess ta' zvilupp li nghata sabiex jittranga l-grawnd tal-futbal esistenti li jinkludi *changing rooms* godda u facilitajiet relatati, fi Triq l-Imgarr. Giet trattata wkoll ittra mibghuta minn Anthony Aquilina *Unit Manager* mill-*Environment and Resources Authority* fejn nghata permess sabiex sigar esistenti f'dan is-sit jinqalghu u jergghu jithawwlu f'post iehor f'dan l-istess sit.

24.3.7 Kopja ta' ittra li Marthese Debono mill-Awtorita` tal-Ippjanar bghatet lil John Paul Grech, dwar l-applikazzjoni tieghu sabiex *kiosk* fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien, tigi estiza. L-Awtorita` irrefjutat din l-applikazzjoni.

24.3.8 Kopja ta' ittra li l-Perit A Fenech Vella bghat lill-Direttur tal-Awtorita` tal-Ippjanar f'isem il-Kunsill Lokali dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/04502/17 *Construction of 3 terraced houses and removal of internal development approved in* PA 4724/07 fi Triq il-Kuncizzjoni. Il-Kunsill ircieva *acknowledgment* mill-Awtorita` ghal din l-ittra. Giet trattata kopja ta' ittra li giet mibghuta mill-Awtorita` lill-applikant ta' din l-applikazzjoni fejn gie informat li nghata permess ghal dan l-izvilupp.

24.3.9 Zewg ittri mibghuta minn Ruben Said *Head Gozo Office Trasport Malta*, dwar zewg talbiet li gew approvati wahda ghal *line markings* fi Triq Isqof Baldassare Cagliares u fi Triq ta' Kassja u t-talba l-ohra dwar *traffic management* fi Triq il-Kuncizzjoni u Triq il-Virgi.

24.3.10 Proposta mibghuta mill-Kunsill lil Transport Malta sabiex isiru *double yellow lines* fi Triq Cini.

24.3.11 Ittra mibghuta minn Rayfonz Borg MCH *Activities coordinator* minn Mount Carmel Hospital, dwar attivita` li jixtiequ jorganizzaw ghal MCH *service users* fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghal din l-attivita`.

24.3.12 Kont ta' Radju Lehen il-Qala ghal *airtime purchased to broadcast* 'Lehen il-Kunsill Tieghek' *programme* li jammonta ghal €500. Il-Kunsill qabel li ghandu jithallas dan il-kont.

24.3.13 Ittra mibghuta mis-Segretarju Parlamentari Clint Camilleri dwar *dog friendly beaches*, proposta sabiex isir wahda fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Is-Sindku Paul Buttigieg semma li huwa ccekkja fuq din il-proposta.

24.3.14 Ittra mibghuta minn Joseph Cutajar Assistant Director f'*EcoGozo Regional Development Directorate* fil-Ministeru ghal Ghawdex, dwar progett sabiex jigu installati *bicycle stands* madwar Ghawdex. Il-Kunsill iddecida li ghandha tigi installatha wahda fi Pjazza Isqof Mikiel Buttigieg. Giet mibghuta *site plan* fejn gie indikat il-post.

24.3.15 Ittra mibghuta mill-Arcipriet Dun Nazju Borg fejn informa lill-Kunsill sabiex il-Parrocca u l-Kunsill Lokali ghandhom jgharfu lil xulxin dwar l-attivitajiet li jsiru matul is-sena biex ma jkunx hemm *overlapping*.

24.3.16 Ittra mibghuta minn Tanya Mercieca Asst. Auditor General mill-*National Audit Office* fejn anness bghatet il-*management letter* kif ukoll kopja ta' l-*audit report* u l-*financial statements* ghas-sena finanzjarja li ghalqet fit-31 ta' Dicembru 2016.

24.3.17 Ittra mibghuta mill-Inginier Renzo Curmi ta' Galea Curmi Engineering Consultants dwar minuti tal-laqgha li saret ghal Kunsilli Lokali Ghawdxin, dwar hrug tal-offerta ghall-manutenzjoni u installazzjoni tad-dawl tat-toroq.

24.3.18 Ittra mibghuta minn Dr Aaron Attard Hili *Judicial Assistant Customer Services Directorate – Law Courts* dwar seduta mizmuma minnu stess nhar it-Tlieta 10 t'Ottubru 2017 sabiex tinzamm fl-ufficini tal-Kunsill. Il-Kunsill ma sabx oggezzjoni ghal dan.

24.3.19 Is-Sindku talab lil Vici Sindku Jesmond Borg jekk jaccettax li jkun sostitut sabiex ikun jista` jattendi l-laqghat tar-Regjun t'Ghawdex kemm id-darba ma jkunx jista` huwa stess. Il-Vici Sindku accetta dan.

24.3.20 Ittra mibghuta minn Charles Bezzina ta' 28, Triq Palma, ir-Rabat Ghawdex dwar lapida li tfakkar il-vittmi Qalin taz-zewg gwerer dinjija.

24.3.21 Ittra mibghuta minn Silvio Parnis Segretarju Parlamentari ghall-Gvern Lokali u Kommunitajiet, fejn informa lill-Kunsill li fil-gimghat li gejjien ser jaghmel appuntament sabiex jiltaqa` mal-Kunsill.

24.3.22 Ittra mibghuta minn Kenneth Cutajar General Manager tad-District Operations Ltd., dwar iz-zewg haddiema Sammy Camilleri u Stephen Mamo li jahdmu mal-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation* u li huma assenjati mal-Kunsill peress li dawn ser jibdew jiehdu hsieb il-latrina pubblika li hemm fil-bajja ta' Hondoq ir-Rummien. Fl-ittra nizzel il-kundizzjonijiet ta' kif ser jahdmu. Gie mitlub li peress li huma ser jahdmu 12 *hour shift* kull wiehed, minn ikun imissu xoghol fil-*public holiday* il-haddiem hu intitolat *double payment* u dana ghandu jithallas mill-Kunsill. Il-Kunsill iddiskuta li l-*public holidays* li l-haddiema ghandhom jigu mhallsa ghalihom mill-Kunsill huma mill-1 ta' Mejju sal-21 ta' Settembru u li l-*public holidays* tal-bqija tas-sena ma jithallas hadd peress li l-latrina ser tkun maghluqa.

24.3.23 Ittra mibghuta minn Vince Grech mill-Awtorita` tal-Ippjanar dwar rapport fuq l-appell numru 00155/17 dwar l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp bin-numru PA/07579/16.

24.3.24 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lill-Isabella Camilleri Aquilina fid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali, dwar il-*Local Government Culture Fund – Call for proposals July-December 2017* fejn inbghat *Strategic Plan* ippreparat mis-Segretarja Ezekuttiv ghall-*Qala International Folk Festival 2017*. Il-Kunsill ircieva ittra minghand Adrian Mifsud id-Direttur (Gvern Lokali, Monitoragg u Sapport) fejn informa lill-Kunsill li l-Bord tal-Evalwazzjoni approva li l-Kunsill Lokali jinghata l-ammont ta' €8,000 ghal din l-attivita`. Giet mibghuta ittra ohra mill-Kunsill lill-Isabella Camilleri Aquilina dwar il-*Local Government Culture Fund – Call for proposals January 2018 to December 2020* fejn inbghat *Strategic Plan* ippreparat mis-Segretarja Ezekuttiv ghall-*Qala International Folk Festivals* 2018, 2019 u 2020.

24.3.25 Giet mibghuta ittra mill-Kunsill lil minn tikkoncerna li l-Kunsill Lokali ma jsibx oggezzjonijiet li jsiru t-tigrijiet taz-zwiemel nhar is-Sibt 5 t' Awwissu 2017, fi Triq l-Imgarr, Qala.

24.3.26 Giet moqrija u iffirmatha l-ittra mill-membri kollha tal-Kunsill inkluz is-Segretarja Ezekuttiv li giet ippreparatha sabiex tintbghat lill-Onorevoli Clint Camilleri fejn l-Kunsill jawguralu u jifrahlu tal-hatra tieghu bhala Membru Parlamentari fil-Parlament Malti u ghall-kariga l-gdida tieghu bhala Segretarju Parlamentari.

24.3.27 Gie trattat il-ftehim dwar il-gbir tal-iskart riciklabbli bieb bieb u l-ftehim tal-*bins* ghal-skart riciklabbli li hemm fil-*bring in site* fi Triq ta' Kassja, li saru bejn il-Kunsill Lokali u l-GreenPak.

24.3.28 Gew trattati l-ilmenti li dahlu fl-ufficcju amministrattiv tal-Kunsill mid-29 t'April 2017 sal-10 t' Awwissu 2017 minn referenza numru 64/17 sa referenza numru 140/17 (registru tal-ilmenti

ohra) u minn referenza numru 38/17 sa referenza numru 67/17 (registru tal-ilmenti xogholijiet).

## 24.4 Twegibiet ghall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

24.4.1 Il-Kunsillier Paul Buttigieg ssuggerixxa li ghandu jinqata` l-haxix hazin li hemm fejn il-pannelli fi 'Gnien il-Familja' kif ukoll li jittrangaw il-*gazebo's* li hemm f'dan l-istess gnien. Is-Sindku semma li bil-mod il-mod kollox isir izda kien hemm aktar affarijiet ohra importanti fil-lokalita` li kellhom bzonn jittrangaw ghalhekk inghataw prijorita`.

24.4.2 Il-Vici Sindku Jesmond Borg semma li hemm bzonn li jsir il-*bollard* fl-entratura ta' 'Gnien il-Familja', proposta li huwa kien diga` ressaq darba ohra, ghax mhux sew hemm tabella biex ma jidhlux bir-roti imbaghad haddiehor jaqbad u jidhol bil-karozza.

## 24.5 *Qala International Folk Festival* 2017.

24.5.1 Ghal din il-parti tal-laqgha gie mistieden George Zahra kif ukoll xi membri tal-Menhir Qala Folk Group. Saret diskussjoni fuq il-programm tal-*Qala International Folk Festival* li ser isir mit-22 sal-24 ta' Settembru 2017. Gie deciz li l-gruppi lokali ghandhom jithallsu l-istess bhas-snin ta' qabel. Gie diskuss li l-*band* li ser iddoqq is-Sibt filghaxija ser tammonta ghal €600. Bhala *comperes* gie deciz li jkunu Joseph Abela u Joseph Farrugia, darbtejn kull wiehed. Dwar l-ikel, ser jiehu hsieb Gabriel Vella filwaqt li l-*packed lunches* isiru mill-Menhir Qala Folk Group. Dwar id-dawl ghal din l-attivita gie diskuss li din is-sena imiss lil Peter Camilleri u ghalhekk gie deciz li jigi huwa kkuntatjat. Il-Kunsillier Paul Buttigieg issuggerixxa li ghandha tintbghat *email* lill-gruppi folkloristici barranin sabiex jippreparaw *presentation* fuq il-pajjiz taghhom ghal waqt il-konferenza internazzjonali.

## 24.6 Manutenzjoni tal-*Playing Field* 'Magistrat Salvu Attard'

24.6.1 Il-Kunsill ircieva ittra minghand Antoine Zammit Principal mid-Dipartiment ghall-Gvern Lokali dwar rapport ta' spezzjoni li sar nhar mill-24 sat-28 ta' Lulju 2017 fuq il-*Playing Field* 'Magistrat Salvu Attard'. Is-Sindku semma li huwa ser jqabbad il-Perit sabiex ikejjel l-*area* tas-*safety mats* kif ukoll jara x'hemm bzonn li jsir, bhal bandli godda, li l-ahjar ikunu tal-plastik, sabiex imbaghad wara jinhargu l-offerti li hemm bzonn. Il-Kunsillier Paul Buttigieg ssuggerixxa li ghandu jitkejjel l-*area* tas-*safety mats* ta' 'Gnien il-Familja' ukoll. Is-Sindku semma li dan jsir ukoll. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li hemm hafna affarijiet ta' manutenzjoni li jistghu jsiru mill-haddiema li huma assenjati mal-Kunsill bhal per ezemplu c-cangaturi u kantuni li huma maqlughin. Is-Sindku semma li ser iqabbad il-haddiema sabiex jsiru l-manutenzjonijiet mehtiega. Is-Sindku semma li ghandha jsir xi tip ta' *barrier* quddiem l-entratura sabiex jkun *safe* ghat-tfal halli ma johorgux jigru 'l barra. Il-Kunsill qabel ma dan. Il-Kunsillier Paul Buttigieg semma li jistghu jintuzaw il-fondi tal-*Urban Improvement Fund* sabiex isiru t-tiswijiet il-kbar.

## 24.7 *Upkeep* tar-*roundabouts* mill-ELC.

24.7.1 Is-Sindku semma li huwa ma ffirmax ic-*certificate of completion* tal-*upkeep* tar-*roundabouts* li jsir mill-ELC qabel ma huwa kkuntatjahom u mar idur il-lokalita` maghhom sabiex jara, fejn

qed issir l-*upkeep* u fejn hemm bzonn li jibda jsir. Huwa semma li kuntent hafna bihom ghax qeghdin jahdmu.

**24.8 Tindif fil-festa ta' San Guzepp 2017.**

24.8.1 Is-Sindku semma li kien ircieva kwotazzjoni minghand Maria Magro ghat-tindif fil-festa ta' San Guzepp 2017 li l-prezz taghha kien gholi ferm. Ghalhekk sar ftehim bejn il-Kunsill u l-Parrocca ta' San Guzepp sabiex it-tindif isir mill-Parrocca stess. Is-Sindku semma li kien hemm daqxejn ta' problema fuq it-tindif peress li tnejn mit-tliet persuni li kienu mqabbda mill-parrocca sabiex jaghmlu dan it-tindif, fl-ahhar minuti iddecidew li ma jigux u ghalhekk dam ftit ma ingabar l-iskart specjalment il-Hadd filghodu.

**24.9 Applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp bin-numri PA/00937/17 u PA/05592/17 ghal *desalination purposes* fil-bini tad-distillatur ezistenti f'Hondoq ir-Rummien.**

24.9.1 Is-Sindku semma li l-laqgha dwar l-applikazzjonijiet ghal permess ta' zvilupp ghal *desalination purposes* fil-bini tad-distillatur ezistenti f'Hondoq ir-Rummien ser issir nhar il-Hamis 17 t'Awwissu 2017 fl-10:30 ta' filghodu fl-ufficini tal-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma Hal-Luqa. Sadanitant kienu gew mqabbda l-Avukata Dr Claire Bonello, il-Perit Cocopardo u Espert Marittimu Dr Sandro Lanfranco fejn ghamlu rapport. Il-Kunsillier Paul Buttigieg ssuggerixxa wkoll li ghandha tintalab laqgha ohra mal-Awtorita` tal-Ippjanar fuq din il-materja. Giet trattata l-ittra li ntbghatet mill-Kunsill lic-*Chairman* CEO tal-Korporazzjoni ghas-servizzi tal-Ilma fejn gie informat illi l-Kunsill ghadu ma ircievex risposta ghall-ewwel ittra li l-Kunsill kien bghatlu fejn talab laqgha mieghu sabiex jigi diskuss dan il-progett propost. Giet trattata risposta minghand l-Inginier Paul Micallef mill-Korporazzjoni ghas-Servizzi tal-Ilma. Giet trattata l-applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp mill-Awtorita` tal-Ippjanar bin-numru PA/05592/17 dwar din il-materja.

**24.10 Mili ta' formoli tal-Unjoni Ewropea minn Clayton Buttigieg.**

24.10.1 Is-Sindku semma li gie informat dwar Clayton Buttigieg li gieli ha hsieb ta' formoli tal-Unjoni Ewropea u li jixtieq li jigi mqabbad sabiex jimla xi formoli tal-Kunsill. Il-Kunsill iddecida li ghandha tinhareg sejha ghall-offerta ghal dan is-servizz. Gie diskuss li ghandhom jigu kkuntatjati tal-MEUSAC sabiex jigu mitluba ghandhomx xi tip ta' specifikazzjonijiet tal-offerti ghal dan is-servizz.

**24.11 Haddiema godda assenjati mal-Kunsill mill-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation*.**

24.11.1 Is-Sindku semma li gew assenjati zewg haddiema ohra mal-Kunsill mill-*Community Workers Scheme Enterprise Foundation* li huma Joseph Bartolo u Corey Cardona. Dawn qeghdin inaddfu t-toroq. Huwa semma li Emmanuel Aguis li huwa assenjat mal-Kunsill mill-RSSL kien telaq minn mal-Kunsill Lokali izda wara xi gimghat reggha gie lura. Huwa semma li jidher li l-haddiema huma kollha kuntenti. Is-Sindku semma wkoll li Joseph Hili l-kennies tal-Kunsill biss jidher li ma jridx jikkopera. Is-Sindku semma li xi gimghat ilu qabbad xi haddiema biex jahslu l-globi tal-pjazza u lil Joseph Hili talbu biex izomm sellum sabiex haddiehor ikun jista` jahsel il-globi izda dan irrefjuta u huwa (Sindku) u Joseph Hili spiccaw jilattikaw u ghalhekk kellu jingab haddiem iehor sabiex ikun jista` jsir dan ix-xoghol. Huwa semma li x'hin icempilu lanqas biss iwiegeb il-*mobile*. Is-Sindku semma li huwa jinsab iddiskustat b'dan. Is-Sindku talab lill-

membri l-ohra dwar x'jahsbu li jista` jsir. Gie diskuss li l-Kunsill ghandu jimxi ma' dak li hemm imnizzel fil-kuntratt u li jekk dawn ix-xogholijiet qeghdin fil-kuntratt il-kennies irrid jaghmilhom. Gie diskuss li fil-laqgha tal-Kunsill li jmiss, il-Kunsill jara l-kuntratt.

**24.12 Ilmenti mir-residenti tal-*area* ta' Kassja dwar bejgh ta' *plots* qrib taghhom.**

24.12.1 Il-Sindku semma li xi residenti li joqghodu fl-*area* tal-Wardija qed jilmentaw li nbiegh xi raba faccata taghhom li huwa *green area* peress li raw xi nies qeghdin ikejlu u issa qed jibzghu li ser isir l-izvilupp quddiem taghhom. Il-Kunsill iddiskuta li forsi kienu qed ikejlu biex jinqassam xi raba u mhux biex jinbiegh. Il-Kunsill iddecida li ghalissa m'ghandu jsir xejn izda jekk jigi informat b'xi applikazzjoni ghal permess ta' zvilupp ta' din l-*area,* imbaghad jara ftit.

**24.13 Konsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti.**

24.13.1 Ma kienx hemm skeda ta' pagamenti ghal kunsiderazzjoni u approvazzjoni.

**24.14 Mozzjonijiet.**

24.14.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet.

**24.15 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

24.15.1 Il-laqgħa intemmet fil-8:45 ta' filghaxija u ġiet aġġornata għal nhar il-Gimgha 18 ta' Awwissu 2017 fil-5:15 ta' filghaxija.

Konfermati, illum 18 ta' Awwissu 2017.

Paul Buttigieg
Sindku

Marcia Borg
Segretarju Eżekuttiv